# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 23/15/1 JRM**

**Jennifer Koster**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali llum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell wara ilment intavolat mill-attriċi illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tagħha hekk kif sanċiti permezz tal-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi fil-mument li giet arrestata u waqt il-kontinwazzjoni tal-arrest gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal harsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja hekk kif sanciti fl-artikolu 34 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

"2. Tiddikjara illi waqt l-arrest tal-esponenti gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha ghal harsien mill-probizzjoni tat-tortura u trattament jew piena degradanti jew inumana hekk kif sancit fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

"3. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia*; illi l-Avukat tal-Istat m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni; illi l-attriċi ma ġietx arrestata fit-18 ta' Novembru 2014, iżda fit-18 ta' Frar 2015 kif awtorizzat minn mandat ta' arrest u tfittxija maħrug fl-istess jum mill-Qorti tal-Maġistrati u in ottemperanza mal-liġi in kwantu kien hemm suspett raġonevoli li kien qed isir traffikar ta' droga minn ċertu Carmel Zammit; illi mhux minnu li l-membri tal-korp tal-pulizija li arrestaw u/jew akkumpanjaw lill-attriċi l-isptar aġġixxew b'mod aggressiv jew sproporzjonat; illi l-pulizija aġixxew entro l-parametri tal-liġi; illi l-attriċi volontarjament awtorizzat lill-pulizija jeħduha l-isptar ħalli jsirulha l-eżamijiet neċessarji u tenniet din l-istess awtorizazzjoni lit-tobba li eżaminawha; illi l-arrest tal-attriċi ma kienx illegali jew arbitrarju u li inoltre waqt l-arrest tagħha l-attriċi ma ġietx soġġetta għal trattament inuman u/jew degradanti.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Diċembru 2020 ġie deċiz hekk:

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

> “Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati billi ssib li l-intimat Avukat tal-Istat mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u għalhekk qiegħda teħilsu milli jibqa’ fil-kawża;
>
> “Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti billi ma jirriżultax li ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha dwar arrest arbitrarju jew illegali, kemm taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;
>
> “Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti billi ma ippruvat bl-ebda mod li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jaħti li taha trattament degradanti jew inuman kemm taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;
>
> “Tastjeni milli tqis it-tielet talba attriċi billi din hija konsegwenzjali għat-talbiet ta’ qabilha; u
>
> “Fiċ-ċirkostanzi tqis li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.”

5. L-attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-30 ta’ Diċembru 2020 permezz ta’ liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, tħassar, tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u astjeniet mit-tielet talba attriċi, u minflok tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti.

6. L-Avukat tal-Istat ippreżenta r-risposta tiegħu għall-appell intavolat mis-soċjeta` attriċi fit-12 ta’ Jannar 2021 permezz ta’ liema talab illi l-appell tas-soċjeta` attriċi jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**Ikkonsidrat;**

7. Skont ir-regolament numru 3 (4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 ir-rikors tal-appell għandu jkun fih, apparti t-talba għar-revoka jew modifika, "iċ-ċirkostanzi li minnhom jinħoloq l-appell [u] ir-raġunijiet ta' l-appell." Huwa doveruż għall-parti appellanti għalhekk illi "[t]ipproponi motivi speċifiċi fl-impunjattiva tas-sentenza"[1] billi, in sostenn għall-appell tagħha, tagħti "espożizzjoni ċara u univoka tal-motivi dettaljati kontrastanti s-sentenza..."[2] Fil-fatt, hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi r-rikors tal-appell ma jistax jikkonsisti f'sempliċi ripetizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza.[3]

8. Il-Qorti tosserva pero` illi l-appellanti tagħmel proprju dan fir-rikors tal-appell tagħha. Il-korp tar-rikors tal-appell tal-attriċi ma jinvolvi l-ebda kritika minn punti partikolari tas-sentenza appellata. Minn rikors ta' sebgħa u għoxrin paġna, huwa paragrafu wieħed biss li għandu sembjanza ta' gravami mis-sentenza appellata, fejn l-attriċi tikkontendi illi l-ewwel Qorti kellha temmen il-verżjoni mogħtija minnha u mis-sieħeb tagħha, u mhux dik mogħtija mill-pulizija dwar jekk u meta hija ġiet infurmata dwar ir-raġuni għall-arrest tagħha u provduta bid-drittijiet li kienet intitolata għalihom bħala persuna taħt arrest. Oltre dan il-paragrafu, ir-rikors tal-appell preżentat mill-attriċi huwa fil-maġġior parti

[1] **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Joseph Mizzi** (Appell, 05/07/2006).
[2] **Dhaidi Abdelaziz v. Bortex Clothing Industry Company Limited** (Appell, 23/10/2009).
[3] **Guza Camilleri v. Raymond Chircop** (Appell, 12/12/2002); **Michael Attard Limited v. Bezzina Brothers Limited** (Appell, 04/10/2006); **Marco Buttigieg v. Rose Cini** (Appell, 10/05/2006).

tiegħu riproduzzjoni identika tan-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnha quddiem l-ewwel Qorti. Dan inkluż numru ta' paġni, u ċioe` tnax -il paġna, ta' riproduzzjoni tat-traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija mill-attriċi, li ġew inklużi kemm man-nota ta' sottomissjonijiet u kemm mal-appell, u li għal darba oħra m'humiex akkompanjati minn xi tip ta' diskussjoni jew kummentarju minn naħa tal-attriċi li jorbtu din ix-xiehda mal-argumenti jew aggravji tal-attriċi. Il-Qorti tosserva illi fil-fatt, ir-rikors tal-appell ma jagħmel l-ebda referenza, salv għal paragrafu msemmi, għall-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti, b'mod illi imqar mal-argumenti magħmula fin-nota ta' sottomissjonijiet jiżdied xi argument li jirrelata speċifikatament mar-raġunament tal-ewwel Qorti.

9. Huwa minnu illi l-Qrati għandhom kemm jista' jkun jevitaw l-applikazzjoni ta' formaliżmu eżaġerat u rigoruż, speċjalment f'kawżi ta' natura kostituzzjonali/konvenzjonali. Pero` dan l-insenjament għandu l-limiti tiegħu d-dettami tal-ligi u s-solennita tal-proċeduri ġudizzjarji, partikolarment fi proċeduri bħal dawn ma għandhomx jigu injorati. Il-Qorti tqis illi huwa inawdit illi fi proċeduri kostituzzjonali fejn qiegħed isir ilment ta' ksur ta' dritt tant sagrosant li huwa invjolabli mingħajr eċċezzjoni, l-attriċi lanqas biss indenjat ruħha illi tippreżenta rikors tal-appell kif trid il-liġi imqar sal-minimu rikjest.

10. Detto dan, u kkonsidrat in-natura ta' dawn il-proċeduri, u kkonsidrat illi mid-diċitura tal-leġislazzjoni sussidjarja huwa ċar illi rikors b'nuqqasijiet bħal dawk imsemmija m'humiex *ex lege* inamissibili, il-Qorti sejra xorta waħda tqis l-appell intavolat mill-attriċi sabiex tagħmel ġustizzja mal-partijiet wara li semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet. Il-Qorti ser tagħmilha ċara minn issa pero` illi m'huwiex il-kompitu tagħha, u lanqas biss huwa permess lilha, illi tagħmel dak li huwa statutorjament rikjest mill-appellanti stess u tindividwa hi gravami fir-rigward tas-sentenza appellata, u għalhekk ser tillimita ruħha li teżamina s-sentenza fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula bil-miktub u oralment mill-attriċi.

**L-ilment dwar l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

11. Permezz ta' dan l-ilment l-attriċi tikkontendi li l-arrest tagħha kien wieħed arbitrarju peress illi ma kienx jeżisti suspett raġonevoli li hijia kkommettiet jew kienet sejra tikkommetti reat kriminali. Hija tikkontendi illi sabiex jitqies li hemm suspett raġonevoli jeħtieg illi jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspetta u mhux ħadd ieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li ser jitwettaq, u li dan is-suspett jibqa' in eżistenza f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata. Skont l-attriċi minn eżami tal-provi jirriżulta illi l-Pulizija ma kellhiex raġunijiet tajbin biżżejjed sabiex iżżommha taħt arrest.

12. L-attriċi tilmenta wkoll illi l-uffiċjali tal-pulizija li waqqfu lilha u lis-sieħeb tagħha, kienu qed isuqu vetturi pajżana u ma identifikawx lilhom infushom meta waqqfuhom, iżda minflok bdew isabbtu bil-ponn mal-*windscreen* tal-vettura tant li hi u s-sieħeb tagħha ħasbu li kienu vittmi ta' *hold-up.* Skont l-attriċi fl-ebda mument ma ġiet informata li kienet taħt arrest u lanqas ma ġiet informata bir-raġunijiet għall-arrest tagħha, b'mod illi fl-ebda mument ma setgħat tirregola u tiddefendi ruħha fuq is-suspett li l-uffiċjali tal-pulizija kellhom fuqha. Hija tikkontendi illi l-pulizija naqsu milli jagħtuha informazzjoni dwar id-drittijiet tagħha bħala persuna arrestata billi jagħtuha Letter of Rights, u żżid illi jekk hija ġiet informata b'dan kollu wara l-arrest tagħha dan mhux biżżejjed sabiex jissodisfa l-vot tal-liġi.

13. L-appellati jirribattu illi f'dan il-każ il-pulizija kienu aġixxew a bażi ta' informazzjoni attendibbli mogħtija lilhom minn terzi li s-sieħeb tal-attriċi kien involut fid-drogi. Dan wassal lill-pulizija sabiex jinvestigaw lis-sieħeb tal-attriċi, mill-liema investigazzjoni ħareġ *pattern* suspettuż li wassal ukoll lill-pulizija sabiex jissuspettaw li l-attriċi kienet qed tagħmilha ta' *drug courier* u ddaħħal id-droga magħha mill-Olanda. Jgħidu illi mill-provi jirriżulta li s-suspett tal-pulizija kompla kiber meta s-sieħeb tal-attriċi irrifjuta li jieqaf wara li l-pulizija identifikaw ruħhom. Kien a bażi ta' dan kollu illi l-pulizija ħasset li kien hemm *compelling reasons* sabiex l-attriċi

tiġi sottoposta għal tfittixja permezz ta' *x-rays* fl-Isptar, li r-riżultati ta' liema mbagħad wasslu biex ikun neċessarju li jsiru aktar eżamijiet fuq il-persuna tal-attriċi. Iżidu illi meta persuna ġġorr id-droga fl-intern tal-ġisem tagħha tkun qed tesponi lilha nnifsha għal riskju u għalhekk huwa ċar li fiċ-ċirkostanzi l-arrest tal-attriċi u l-eżamijiet li saru fuqha kienu saru għal *compelling reasons.*

14. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan irrigward, ingħad li dan ifisser li "the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law" u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha;
>
> "Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati, u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem jirbaħ fuq kollox;
>
> "Illi f'dan ir-rigward ingħad ukoll li "compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of

conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention";

"Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar illegalità tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalità hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

"Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess. Iż-żewġ testi jitkellmu wkoll dwar il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli biex isaħħaħ arrest jew żamma f'ċirkostanzi bħal dawk. Dwar din il-frażi, ingħad u ġie mgħallem ħafna matul is-snin, l-iżjed għaliex il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li jitressqu dwar il-ksur ta' dan il-jedd fondamentali jduru fuq jekk is-suspett kienx wieħed raġonevoli jew le. Il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv;

"Illi, f'dan ir-rigward, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jidher li dan huwa ssies tal-ilment tar-rikorrenti. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, irrikorrenti tgħid espressament li "l-Pulizija ma kellhiex awtorità li tarrestaha peress li din ma kellhiex suspett raġjonevoli li hija ikkommettiet jew kienet sejra tikkommetti reat kriminali";

"Illi dwar liema hija l-għamla ta' suspett li jitqies raġonevoli huwa mgħallem li dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq, u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah, minnufih irid jintemm l-arrest jew iż-żamma. Madankollu, mhuwiex mistenni li fil-waqt tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġà provi w xiehda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata. Filwaqt li l-fatt li persuna li nżammet arrestata li, madankollu, aktar 'il quddiem tinħeles minn qorti b'deċiżjoni ġudizzjarja, ma tistax tilminta minn arrest illegali retrospettiv minħabba dak il-ħelsien;

"Illi madankollu huwa mfisser ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, minbarra l-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fil-persuna arrestata jew miżmuma f'kull waqt tal-arrest jew taż-żamma tagħha, jeħtieġ jintwera wkoll li ċ-ċirkostanzi kienu tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-liberta' personali tassuspettat. Għaliex l-arrest jew iż-żamma huma biss ġustifikati jekk kemm-il darba jkunu pre-ordinati jew meħtieġa biex

il-persuna suspettata titressaq quddiem l-awtorita` ġudizzjarja kompetenti u tinxela bl-akkuża addebitata lilha. Tali raġonevolezza tissarraf fl-istħarriġ b'bona fidi min-naħa tal-Pulizija, ukoll jekk sa dak il-waqt l-eżistenza jew in-natura tar-reat ma jkunux għadhom magħrufa fiċ-ċert;

"Illi mill-eżami tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-Pulizija kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex iżżomm lir-rikorrenti taħt arrest. Għall-kuntrarju ta' dak li tissottometti r-rikorrenti, kien hemm elementi mad-daqqa t'għajn li kienu jippuntaw lejha u lejn is-sieħeb tagħha, Carmel Żammit. Jirriżulta li l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni li Żammit seta' kien imdaħħal fit-traffikar ta' droga u li kompliċi miegħu kien hemm ir-rikorrenti. Il-fatt li r-rikorrenti kienet ġejja minn pajjiż magħruf mal-Pulizija kompla jsaħħaħ is-suspett fiha. Bl-istess mod, il-fatt li meta waslet Malta, Żammit qabad rotta fis-sewqan għal post mwarrab, bħal ma hija żona industrijali (minflok ħa r-rotta l-aktar mistennija biex jiġbed lejn id-dar fejn kien jgħix), qanqal suspett fil-Pulizija li hu u r-rikorrenti setgħu kienu ser jiltaqgħu ma' terzi u jeħilsu minn xi sustanza li kienet imfittxija. Fil-fehma tal-Qorti, iċ-ċirkustanzi kienu qed jippuntaw lejn elementi determinanti li jsejsu suspett raġonevoli. Tqis ukoll bħala siewi l-mod li bih il-Pulizija, malli kisbet it-tagħrif u għamlet it-tfittxijiet tagħha, irriferiet mill-ewwel lill-Maġistrat tal-Għassa u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest u Tfittxija;

"Illi jirriżulta wkoll li ż-żamma tar-rikorrenti taħt arrest min-naħa tal-Pulizija kienet għal żmien aqsar mit-tmienja u erbgħin (48) siegħa li tippreskrivi ddispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn rilevanti tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll li l-waqt li r-rikorrenti ġiet ċertifikata mill-esperti mediċi li s-suspett li kellhom ma kienx fondat, ma kienx hemm tnikkir minnaħa tal-Pulizija u r-rikorrenti nħelset mill-arrest;

"Illi dwar it-tieni parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur ta' dan il-jedd – jiġifieri, n-nuqqas ta' għoti ta' tagħrif dwar l-arrest u dwar x'wassal għall-arrest tagħha, u n-nuqqas li tkun mgħarrfa bil-jeddijiet li kellha bħala persuna arrestata – huwa miżmum li "Article 5§2 contains the elementary safeguard that any person arrested should know why he is being deprived of his liberty. This provision is an integral part of the scheme of protection afforded by Article 5: by virtue of paragraph 2 any person arrested must be told, in simple, nontechnical language that he can understand, the essential legal and factual grounds for his arrest, so as to be able, if he sees fit, to apply to a court to challenge its lawfulness in accordance with Article 5§4. Whilst this information must be conveyed 'promptly' (in French: 'dans le plus court delai'), it need not be related in its entirety by the arresting officer at the very moment of the arrest. Whether the content and promptness of the information conveyed were sufficient is to be assessed in each case according to its special features. It also reiterates that paragraph 2 of Article 5, like paragraph 4, is applicable both to persons deprived of their liberty by arrest and to those deprived of it by detention";

"Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jispikka l-kuntrast fix-xiehda mogħtija miż-żewġ partijiet. Min-naħa l-waħda, ir-rikorrenti u s-sieħeb tagħha jgħidu li r-rikorrenti ġiet arrestata fil-għama, mingħajr ma kienet taf għaliex u li saħansitra ġiet imċaħħda mill-jeddijiet bażiċi mistennija minn persuna arrestata. Min-naħa l-oħra, il-Pulizija jixhdu l-kontra, u jgħidu li r-rikorrenti ngħatat kull tagħrif mitlub mil-liġi lil persuna arrestata f'ilsien li setgħet tifhmu. Jgħidu wkoll li r-rikorrenti tant fehmet dawk ir-raġunijiet u t-twissijiet li ngħatawlha li hija offriet bla reżistenza li jsirilha kulma dehrilhom li kellu jsir meta ħaduha l-Isptar;

"Illi fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti, ma tistax twarrab ix-xiehda repettitiva mogħtija mill-membri tal-Pulizija li kienu preżenti fil-ħin li sar l-arrest jew dawk li kienu qed jikkumpanjaw lir-rikorrenti fil-vettura fi triqithom lejn l-isptar, li lkoll jixhdu kif huma personali taw lir-rikorrenti t-twissija mitluba mill-liġi jew semgħu lil ħaddieħor jagħtiha. Tqis ukoll l-ammissjoni tar-rikorrenti li minn jeddha rrifjutat li tikkonsulta ma' persuna legali, anke jekk aktar tard reġa' bdielha u talbitha, iżda minħabba s-sigħat bikrija, ma sarx kuntatt ma' avukat; Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova li tabilħaqq ma kinetx mgħarrfa biżżejjed bir-raġuni li għaliha kienet miżmuma arrestata jew li l-Pulizija ċaħħduha mill-jedd tagħha ta' għajnuna minn avukat;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti seħħilha tagħti raġunijiet tajbin biex minnhom jirriżulta li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha taħt lartikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

15. Minkejja li l-attriċi tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi, hija ma ressqet l-ebda raġuni li tindika xi nuqqas fir-raġunament jew konklużjoni tal-ewwel Qorti li għandhom iwasslu lil din il-Qorti sabiex twarrab l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti. L-attriċi ma spjegatx għalfejn kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet illi l-verżjoni mogħtija mill-pulizija kienet aktar affidabbli minn dik mogħtija minnha u mis-sieħeb tagħha, iżda llimitat ruħha għal sempliċi ripetizzjoni tas-sottomissjonijiet magħmula minnha in Prim'Istanza.

Inoltre, għalkemm fir-rikors tal-appell tagħha l-appellanti tippremetti illi hija tinsab aggravata mill-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti, hija segwiet din il-premessa b'espożizzjoni tal-fatti tal-każ, mingħajr ma tat xi raġuni għalfejn l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti kien żbaljat. Wara li l-Qorti rat l-atti, f'kull każ tikkondividi r-raġunament tal-ewwel Qorti dwar l-eżistenza ta' suspett raġonevoli.

16. Rigward l-ilment tal-attriċi li hija ma ġietx informata li kienet taħt arrest u r-raġunijiet għall-arrest tagħha u wkoll li ma ġietx informata bid-drittijiet tagħha, il-Qorti tosserva illi mix-xiehda jirriżulta illi l-attriċi kienet ġiet informata bid-drittijiet tagħha minn tlett uffiċjali tal-pulizija, u ċioe` PS891, WPS237 u l-Ispettur Nicolai Sant, u dan qabel ma ġiet skortata l-isptar, u li kienet ġiet informata wkoll għalfejn kienet qed tiġi arrestata. Fil-fatt mix-xhieda jirriżulta li l-attriċi stess riedet li ttieħed l-isptar sabiex turi illi hija ma kienet qed taħbi l-ebda droga fl-intern tagħha, u għalhekk huwa kemmxejn kontradittorju li mbagħad jingħad li hija ma kinitx ġiet informata bir-raġuni għall-arrest tagħha. L-appellanti ma ressqet l-ebda raġuni li twassal lill-Qorti sabiex issib illi li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li temmen din il-verżjoni tal-pulizija hija illogika jew mhux kredibbli. Detto dan, il-Qorti tagħraf illi fiż-żmien meta ġiet arrestata l-attriċi kien diġa` daħal fis-sehh l-Artikolu 534AB (3) tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi:

> "Huwa d-dmir tal-Pulizija li minnufih tipprovdi lill-persuna arrestata jew detenuta Ittra bi Drittijiet kif elenkata fl-Iskeda E u l-Pulizija għandha tagħti lill-imsemmija persuna l-opportunità li taqraha u li żżommha fil-

> pussess tagħha waqt li tkun detenuta. L-Ittra bi Drittijiet għandha tkun miktuba f'lingwa li l-persuna tifhem"

17. Mill-provi jirriżulta indubbjament illi din l-Ittra bi Drittijiet ma ġietx provduta lill-attriċi, u dan minkejja illi l-għoti ta' din l-ittra huwa mandatarju fil-każ ta' persuna arrestata jew detenuta. Fil-każ odjern m'huwiex kontestat illi l-attriċi kienet ġiet arrestata, u għalhekk kien legalment meħtieġ illi l-pulizija jagħtu lill-attriċi Ittra bi Drittijiet ai termini tal-Artikolu 534AB (3) tal-Kodiċi Kriminali, u mhux biss jinformawha bid-drittijiet tagħha verbalment. L-ewwel Qorti naqset milli tieħu dan l-artikolu in konsiderazzjoni fis-sentenza tagħha, minkejja illi dan l-ilment sar b'mod espress mill-attriċi fir-rikors promotur tagħha fejn ippremettiet "Illi fil-kaz odjern ma gewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mill-Artikolu 534AB tal-Kodici Kriminali kif ukoll li ma nghatatx l-informazzjoni mehtiega u 'Ittra bid-Drittijiet'…" Għalhekk l-ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni wkoll din il-parti tal-ilment tal-attriċi, b'mod partikolari ġaladarba ma ġiex kontestat illi l-ufficjali tal-pulizija naqsu milli josservaw dan ir-rekwizit impost espressament u tassattivament mill-liġi.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ dan in-nuqqas ma jirrendix l-arrest tal-attriċi illegali. Jirriżulta illi l-attriċi ġiet fil-fatt informata bid-drittijiet tagħha, anke jekk dan mhux bil-mitkub, u li hija kienet mhux biss tat il-kunsens tagħha biex tittieħed l-Isptar għal eżamijiet fuq il-persuna tagħha, iżda talli hija stess xtaqet illi tiġi eżaminata medikament

sabiex tipprova l-innoċenza tagħha. Jirriżulta wkoll illi wara li ġiet eżaminata mit-tobba fl-Isptar, l-attriċi ġiet meħlusa mill-arrest, mingħajr qatt ma ġiet interrogata mill-Pulizija. Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas li l-attriċi tingħata l-Ittra bi Drittijiet seta' *semmai* kellu riperkussjonijiet fl-ambitu ta' proċeduri kriminali iżda fiċ-ċirkostanzi m'huwiex nuqqas illi jirrendi l-arrest tal-attriċi illegali jew arbitrarju.

19. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**L-ilment dwar l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

20. L-attriċi tilmenta illi hija ġiet suġġetta għal trattament inuman u degradanti f'diversi ċirkostanzi waqt li kienet taħt arrest. Tgħid illi hija soffriet tali trattament minħabba l-mod kif żvolġa l-arrest, u wkoll waqt it-tiftixiet li saru fuqha fil-preżenza ta' uffiċjali tal-pulizija ta' sess maskili li poġġa lill-attriċi f'sitwazzjoni imbarazzanti, umiljanti u degradanti. Hija tilmenta wkoll li ġiet soġġetta għal trattament inuman u degradanti meta ġiet kostretta tieħu suppożitorji biex tipporga u wara ġiet mogħtija borża tal-plastik u mhux ingwanti sabiex tfittex fil-'*excrement*' tagħha.

21. L-appellati jirribattu illi l-proċeduri mediċi li għalihom ġiet sottoposta l-attriċi saru kollha minn professjonisti mediċi, u li għalkemm huwa minnu

li ċertu minn dawn l-eżamijiet kienu invażivi, dawn kienu neċċessarji minħabba li kien hemm suspett raġonevoli, speċjalment wara li ttieħed x-ray tal-attriċi, li hija kienet qed iġġorr id-droga fl-intern tagħha.

22. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar it-trattament inuman jew degradanti li ġarrbet minn idejn l-intimati jew min minnhom, jidher ċar, mis-sottomissjonijiet imressqa, li dan l-ilment jirreferi għal ħin li r-rikorrenti qattgħet l-Isptar sakemm sarulha t-testijiet meħtieġa u kif kienet taħt arrest. Irrikorrenti tilmenta mill-umiljazzjoni li ġarrbet billi ma ġietx emmnuta u, minflok, kellha tgħaddi minn proċess ta' aċċertament imtenni magħmul minn eżami fiżiku minn tobba ta' sess maskil, fil-preżenza ta' terzi, u saħansitra ntalbet tfittex fil-ħmieġ tagħha stess;
>
> "Illi, min-naħa l-oħra, l-intimati jgħidu li għalkemm it-testijiet setgħu invadew il-privatezza tar-rikorrenti, ma jistax jitwarrab il-qafas li fih intalbu u ttieħdu: dak li l-Pulizija kellhom suspett li r-rikorrenti kienet ikkommettiet reat;
>
> "Illi r-rikorrenti ssejjes dan l-ilment tagħha kemm fuq dak li jgħid l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt l-aspett talimsemmija żewġ artikoli flimkien, u tqishom fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-provi mressqin mill-partijiet;
>
> "Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li: "(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...".
>
> "Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li: "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti";
>
> "Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xi ħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition") u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw

li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn lIstat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun;

"Illi huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severità li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

"Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case." Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman, liema trattament "covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering";

"Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra lkuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis ittrattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab, għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba;

"Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt ilkomminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati, jeħtieġ ċertu grad ta' gravità", li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju;

"Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravità li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "judged by the circumstances of the case and

the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings";

"Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd. Iżda "such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account";

"Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-età u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorità li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu" . L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment;

"Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilità korrettiva u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta;

"Illi mill-provi mressqin f'dan il-każ, ir-rikorrent tfisser x'kellha tgħaddi minnu sakemm damet l-Isptar, u x'intalbet tagħmel biex setgħet turi li ma kellha l-ebda ħtija f'dak li l-Pulizija issusspettaw fiha. Il-Qorti qieset ukoll ix-xiehda mogħtija mill-Konsulent tal-Mediċina fit-Taqsima tal-Emerġenza u l-Konsulent Radjoloġista, li fil-fehma tagħhom l-x-rays li ttieħdu tar-rikorrenti kienu juru biċ-ċar li r-rikorrenti ma kellhiex ħwejjeġ barranija moħbija fil-parti ġenitali tagħha jew fl-istonku u li r-rapport kien infondat, frott ta' biża jew prekawzjoni żejda min-naħa tal-uffiċjali tal-Isptar fil-mument meta ttieħed;

"Illi meta l-Qorti tqis il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, issib li ma hemm l-ebda dubju li, f'xi ħinijiet minnhom, dak li għaddiet minnu kien iwassal biex tħossha imbarazzata. Il-Qorti ma ngħatat l-ebda tagħrif dwar l-arranġamenti, pratiċi jew protokolli li jitħaddmu f'każijiet bħal dawn meta persuna tittieħed lIsptar biex isirulha l-aċċertamenti ħalli

jiddeterminaw jekk ikollhiex xi sustanzi perikolużi moħbijin f'xi parti ta' ġisimha. Ma jidhrilhiex li eżami jew aċċertament minn tabib tal-ġeneru differenti mill-persuna mistħarrġa jikkostitwixxi xi trattament inuman jew degradanti. Madankollu, ħareġ ċar li persuna fil-qagħda li kienet tinsab fiha r-rikorrenti waqt l-arrest tagħha, tibqa' l-ħin kollu taħt l-għassa tal-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu skorta magħha. Intwera li, f'dawn iċ-ċirkostanzi (sa mill-bidu tal-arrest tagħha), ir-rikorrenti kienet miżmuma u sorveljata minn uffiċjali nisa tal-Korp, imma dawn ukoll xehdu kif ma kinux iħalluha waħedha, għal raġunijiet li wieħed jista' jifhimhom, ladarba kienet suspettata li seta' kellha xi sustanzi moħbija fil-persuna tagħha u ma ridux jagħtuha l-opportunità li tiddisponi minnhom jew tarmihom. Il-Qorti tinnota wkoll li l-istess uffiċjali tal-Korp setgħu ħassewhom imbarazzati b'dak li kien għaddej, l-iżjed meta rriżulta li fil-kamra tal-banju li fiha ddaħħlet irrikorrenti wara li ngħatat il-porga, ma kienx hemm ingwanti iġeniċi biex issir it-tfittxija (li r-rikorrenti tqabbdet tagħmel) fil-ħmieġ tagħha u kellhom jinqdew bi fradal tal-plastika li jintużaw mill-fattigi jew carers biex iservu minflok ingwanti;

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħraf li jekk kien hemm waqtiet li fihom irrikorrenti tqiegħdet f'qagħda degradanti, dan ma kien jaħti għalih l-ebda wieħed mill-intimati u lil min jirrappreżentaw. Il-fatt li r-rapport tar-radjologu dwar x'ħareġ mill-x-ray seta' kien kawt iżżejjed biex jeskludi (minn dak li ra) li rrikorrenti ma kellha xejn moħbi f'ġisimha u li wassal biex ir-rikorrenti għaddiet minn proċess ta' aċċertamenti mod ieħor, ma jitnissel minn ebda għemil jew omissjoni li jrid iwieġeb għalihom il-Kummissarju intimat; l-istess jingħad għan-nuqqasijiet rilevati aktar qabel f'dak li jirrigwarda d-disponibilità ta' faċilitajiet sanitarji biex dak li jkun jista' jinqeda bla ma jkollu jesponi lilu nnifsu għal periklu ta' tinġis. Iċ-ċirkostanzi li kienet tinsab fihom ir-rikorrenti waqt li kienet arrestata ma kinux taħt il-kontroll tal-Kummissarju intimat, imma ta' struttura attrezzata li titmexxa minn awtorità oħra li ma hijiex parti f'din il-kawża;

"Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li ma tistax tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti fil-konfront ta' ebda wieħed mill-intimati fil-kawża li għandha quddiemha;"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

23. Kif diġa`intqal qabel, l-appellanti ma ressqet l-ebda raġunijiet sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, u dan minkejja li hija tilmenta illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Fir-rigward tal-ilment tal-appellanti dwar it-trattament tagħha waqt l-arrest, il-Qorti diġa`ddeterminat illi l-appellanti

naqset milli tipproduċi provi suffiċjenti sabiex tissostanzja l-ilment tagħha dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest. Inoltre, din il-Qorti żżid illi fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-arrest jew id-drittijiet tal-attriċi bħala persuna arrestata ma jissarrafx fi trattament inuman jew degradanti.

24. Rigward l-ilment tal-attriċi dwar l-eżamijiet mediċi illi sarulha, il-Qorti tinnota illi l-attriċi fl-ebda punt ma lmentat illi l-pulizija naqset milli ssegwi l-proċedura dettata mill-liġi fir-rigward tal-eżamijiet li saru lill-attriċi fl-isptar, u din il-Qorti trid tillimita ruħha għall-ilment speċifiku magħmul mill-attriċi u mhux tinoltra ruħha fi kwistjonijiet li ma tqajjmux mill-partijiet.

25. Għalkemm l-appellanti targumenta li l-eżamijiet mediċi saru fil-preżenza ta' ufficjali tal-pulizija tas-sess maskili, kif ben osservat l-ewwel Qorti, dawn l-eżamijiet fir-realta saru fil-preżenza biss ta' uffiċjali tal-pulizija ta' sess femminili, u dan ukoll skont ix-xiehda tal-appellanti stess. Fir-rigward tal-ilment tal-attriċi dwar meta ġiet kostretta tipporga, din il-Qorti tirrileva illi a kuntrarju tal-ilment tal-attriċi, mix-xiehda jirriżulta illi l-porga ngħatat lill-attriċi mill-ħalq, u dan peress illi mix-xiehda jirrizulta illi hija nghatat il-porga mal-kafe.

26. Rigward pero` l-fatt illi hija ġiet kostretta tfittex fl-*excrement* tagħha b'fardal (mhux borża kif tikkontendi l-attriċi) għaliex ma nstabux ingwanti, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti illi dan huwa nuqqas li għalih huma responsabbli l-awtoritajiet tal-Isptar u mhux l-appellati. L-appellanti kienet

fil-kustodja tal-pulizija, u għalhekk kien id-dover tagħhom illi jassiguraw ruħhom li kien hemm disponibbli dak kollu rikjest sabiex il-proċeduri neċċessarji jsiru bl-aktar mod dinjituż possibli. Wara kollox, l-uffiċjali tal-pulizija kienu jafu illi kien ser ikun hemm il-bżonn li ssir tfittxija fl-*excrement* tal-appellanti, proprju għaliex hija kienet ingħatat porga sabiex ikun jista' jsir dan, u għalhekk kellhom il-ħin sabiex jiżguraw illi jkun hemm dak kollu li hemm bżonn sabiex it-tfittxija ssir b'mod iġeniku u kemm jista' jkun dinjituż.

27. Inoltre, l-appellati ma ressqu l-ebda raġuni valida għalfejn kienet l-appellanti li kellha tfittex fil-*excrement* tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-eżerċizzju kellu jsir minn uffiċjali tal-pulizija jew uffiċjali mediċi, u ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn dan kellu jsir mill-appellanti stess. Barra minn hekk, il-Qorti hija wkoll pjuttost perplessa dwar ir-raġuni għalfejn l-appellanti ma tħallietx tnaddaf lilha nnifisha u tilbes qabel ma saret it-tfittxija.

28. Huwa ċar illi l-konvenuti ma poġġew fis-seħħ l-ebda protokoll dwar kif għandhom isiru dawn il-proċeduri. Mill-provi rriżulta ċar illi l-eżamijiet invażivi li saru fuq l-appellanti seħħew biss għaliex l-ewwel tabib illi eżamina l-x-rays tagħha irraporta li seta' kien hemm xi dellijiet suspettużi fuqhom. It-tieni tabib li ra dawn l-x-rays imbagħad għamilha ċara illi dawn l-x-rays ma kienu joħolqu l-ebda raġuni valida sabiex isiru eżamijiet invażivi fuq l-appellanti. Pero` ma jidhirx illi hemm xi protokoll fis-seħħ illi

jeħtieġ li tittieħed opinjoni oħra qabel ma jsiru eżamijiet invażivi fuq il-persuna. Huwa ċar illi, li kieku ġie kkonsultat tabib ieħor qabel ma saru dawn il-proċeduri invażivi fuq l-appellanti, hija ma kienx ikollha tissubixxi l-istess. Inoltre, lanqas ma jirriżulta illi l-uffiċjali li akkompanjaw lill-appellanti waqt din il-proċedura ngħataw taħriġ dwar kif għandha ssir din il-proċedura b'mod li jirrispetta d-dinjita tal-individwu partikolari u ma jżidx mal-umiljazzjoni li proċedura bħal dik diġa`ta' bilfors tinvolvi.

29. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke kieku kellu jiġi aċċettat illi l-fatt waħdu li l-appellanti ġiet kostretta tfittex hija stess fl-*excrement* taghha ma jlaħħaqx il-grad rikjest sabiex jitqies bħala trattament degradanti, meta kkombinat mal-fatt illi l-appellanti tħalliet maħmuġa u mneżża sakemm instab il-fardal u saret it-tfittxija, il-Qorti hija tal-fehma illi meħud dawn iċ-ċirkostanzi kollha in konsiderazzjoni, l-appellanti sofriet trattament degradanti. L-appellati kellhom id-dover illi kemm jista' jkun inaqqsu jew itaffu l-aspett imbarazzanti u umiljanti tal-proċeduri li għalihom ġiet sottoposta l-appellanti u jassiguraw li dawn isiru bl-aktar mod dinjituż possibli. Mill-provi jirriżulta car illi l-appellati m'għamlux dan u ssottoponew lill-appellanti għall-trattament degradanti, bi ksur ċar tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

30. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ. Fir-rigward tar-rimedju xieraq, il-Qorti tqis illi l-appellanti għandha tirċievi mingħand l-appellati s-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala kumpens għad-danni morali

subiti minnha, u dan in vista tal-fatt illi l-proċeduri kollha saru bil-kunsens sħiħ tal-appellanti li saħansitra talbet hija stess li jsiru eżami mediċi fuqha sabiex turi l-innoċenza tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parte l-appell tal-attriċi, u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha safejn ċaħdet l-ewwel talba attriċi, tirrevokaha safejn ċaħdet il-bqija tat-talbiet attriċi, u minflok tilqa' t-talbiet attriċi, rimanenti, tiddikjara illi waqt l-arrest tal-attriċi gew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha hekk kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Tordna lill-appellati jħallsu lill-appellanti s-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala danni morali.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż għandhom jitħallsu kollha mill-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm